TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

MALTA

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

CCT/289/12/S.

Matthew u Sabrina Cachia
Vs
Borvin Aluminium Ltd

Illum 21 ta'Marzu,2013.

It-Tribunal,

Ra t-talba ta' Matthew u Sabrina konjugi Cachia ipprezentata fl-14 ta'Novembru,2012 filwaqt li s-socjeta konvenuta Borvin Aluminium Limited ma pprezentatx risposta;

Ra d-dokumenti pprezentati, sema' lill-attur Matthew Cachia u t-trattazzjoni tieghu fl-1 ta'Frar,2013 meta hadd mis-socjeta konvenuta ma deher;

Ikkunsidra

Illi fi ftit kliem din il-pendenza tirrigwarda ilmenti dwar xoghol ta' 'aluminium' fejn hareg xi 'corrosion';

Illi jinghad mal-ewwel li min jallega jrid jipprova u dan fuq l-istregwa tal-massima "*incumbit probation ei qui dicat non ei qui negat*" (ara sentenza tal-Qorti tal-Appell Sede Inferjuri fl-ismijiet 'Gemma Cassar Saetta vs Imco Distributors Limited' moghtija fit-13 ta'Jannar,1999);

Illi Matthew Cachia kkonferma bil-gurament it-talba tieghu u spjega li x-xoghol ta' "aluminium" twahhal f'daru f'April,2008;

Illi s-socjeta konvenuta kellha kull cans taghti spjegazzjoni pero ghazlet li ma taghmilx dan;

Illi fic-cirkostanzi, l-attur ipprova dak minnu allegat fit-talba tieghu pero jigi ribadit li l-ilment mas-socjeta konvenuta sar mill-atturi wara kwazi 4 snin li x-xoghol kien twahhal;

TRIBUNAL GĦAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

MALTA

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

Għaldaqstant għar-raġunijiet fuq spjegati u fiċ-ċirkostanzi tal-każ, it-Tribunal Jaqta' u Jiddeċiedi billi Jilqa' it-talba ta' Matthew u Sabrina Cachia u Jordna li s-soċjeta Borvin Aluminium Limited issewwi billi tibdel il-partijiet fejn hemm il-'corrosion', bl-ispejjez ta' dawn il-proceduri jithallsu unikament mis-soċjeta Borvin Aluminium Limited.

Richard Sladden Av.
Arbitru

47A, SOUTH STREET, VALLETTA VLT 1101 - MALTA
TELEPHONE: (+356) 21227070 FAX: (+356) 21239888